



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Seduta plenarja

A7-0311/2010

9.11.2010

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li
tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju
Ewropew
(COM(2010)0076 – C7-0071/2010 – 2010/0044(COD))

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

Rapporteur: Chrysoula Paliadeli

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verzjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	36
PROĊEDURA.....	40

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew (COM(2010)0076 – C7-0071/2010 – 2010/0044(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0076),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 167 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0071/2010),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni motivata indirizzata lill-President tiegħu minn parlament nazżjonali dwar il-konformità tal-abbozz ta' att mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A7-0311/2010),
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazżjonali.

Emenda 1

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) *It-Trattat* jimmira għal unjoni dejjem eqreb fost il-popli tal-Ewropa u l-

Emenda

(1) *It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)* jimmira għal

¹ ĠU C 267, 1.10.2010, p.52.

Artikolu 167, b'mod partikolari, jagħti lill-Unjoni Ewropea l-kompitu li tikkontribwixxi *għall-affjorixxament tal-kulturi* tal-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta d-diversità nazzjonali u reġjonali tagħhom u fl-istess waqt *tirriżalta* l-wirt kulturali komuni.

unjoni dejjem eqreb fost il-popli tal-Ewropa u **l-Artikolu 167 TFUE**, b'mod partikolari, jagħti lill-Unjoni Ewropea l-kompitu li tikkontribwixxi *biex jiffjorixxu l-kulturi* tal-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta d-diversità nazzjonali u reġjonali tagħhom u fl-istess waqt *tenfasizza* l-wirt kulturali komuni. **Barra minn hekk, l-Artikolu 167(2) TFUE jispesjifika li, skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, l-Unjoni għandha tikkontribwixxi għat-titjib tal-għarfien u t-tixrid tal-kultura u l-istorja tal-popli Ewropej.**

Emenda 2

Proposta għal deċiżjoni Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) It-Trattat jistabbilixxi wkoll iċ-ċittadinanza tal-Unjoni, li *tikkomplimenta* ċ-ċittadinanza nazzjonali tal-Istati Membri rispettivi, u li hija element importanti fil-ħarsien u t-tisħiħ tal-proċess tal-integrazzjoni Ewropea. Sabiex iċ-ċittadini jagħtu l-appoġġ sħiħ tagħhom għall-integrazzjoni Ewropea, għandu jitqiegħed enfasi akbar fuq il-valuri, l-istorja u l-kultura komuni tagħhom bħala elementi ewlenin tas-sħubija tagħhom f'soċjetà bbażata fuq il-prinċipji tal-libertà, id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, id-diversità kulturali, it-tolleranza u s-solidarjetà.

Emenda

(3) It-Trattat jistabbilixxi wkoll iċ-ċittadinanza tal-Unjoni, li *tikkomplementa* ċ-ċittadinanza nazzjonali tal-Istati Membri rispettivi, u li hija element importanti fil-ħarsien u t-tisħiħ tal-proċess tal-integrazzjoni Ewropea. Sabiex iċ-ċittadini jagħtu l-appoġġ sħiħ tagħhom għall-integrazzjoni Ewropea, għandu jitqiegħed enfasi akbar fuq il-valuri, l-istorja u l-kultura komuni tagħhom bħala elementi ewlenin tas-sħubija tagħhom f'soċjetà bbażata fuq il-prinċipji tal-libertà, id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, id-diversità kulturali **u lingwistika**, it-tolleranza u s-solidarjetà.

Emenda 3

Proposta għal deċiżjoni Premessa 6 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) Iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew għandu jibbenefika mill-esperjenza miksuba sa issa mill-inizjattiva intergovernattiva.

Ġustifikazzjoni

L-esperjenza kollha miksuba sa issa fl-inizjattiva intergovernattiva għandha titħaddem tajjeb fl-Azzjoni l-ġdida tal-UE.

Emenda 4

Proposta għal deċiżjoni Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7) Iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew għandha tfittex ***sinerġiji u kumplimentaritajiet ma'*** inizjattivi ***oħrajn*** bħal-Lista tal-Patrimonju Dinji tal-UNESCO u r-‘Rotot Kulturali Ewropej’ tal-Kunsill tal-Ewropa. Il-valur miżjud taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew għandu jkun ibbażat fuq il-kontribut tas-siti magħżula għall-istorja u l-kultura tal-Ewropa, fuq dimensjoni edukattiva ċara li tilħaq liċ-ċittadini, ***inklużi*** ż-żgħażaġh, u fuq netwerking bejn is-siti għall-qsim tal-esperjenzi u l-aqwa ***prattiċi***. Il-fokus ewlieni tal-inizjattiva għandu jkun fuq il-promozzjoni u l-aċċess tas-siti, u fuq il-kwalità tal-ispjegazzjonijiet mogħtija u tal-attivitajiet proposti, minflok fuq il-konservazzjoni tas-siti, li għandha tiġi ggarantita mir-reġimi tal-protezzjoni eżistenti.

(7) Iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew għandu jfittex ***li jissupplimenta bla ma jidduplika*** inizjattivi bħal-Lista tal-Patrimonju Dinji tal-UNESCO, ***il-Lista Rappreżentattiva tal-Patrimonju Kulturali Intanġibbli tal-Umanità tal-UNESCO***, u r-‘Rotot Kulturali Ewropej’ tal-Kunsill tal-Ewropa. Il-valur miżjud taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew għandu jkun ibbażat fuq il-kontribut tas-siti magħżula għall-istorja u l-kultura tal-Ewropa, ***fosthom il-ħolqien tal-Unjoni***, fuq dimensjoni edukattiva ċara li tilħaq liċ-ċittadini, ***b'mod speċjali*** ż-żgħażaġh, u fuq netwerking bejn is-siti għall-qsim tal-esperjenzi u l-aqwa ***prattiki***. Il-fokus ewlieni tal-inizjattiva għandu jkun fuq il-promozzjoni u l-aċċess tas-siti, ***biex jingħata kontribut għal wirt storiku u kulturali komuni fl-Unjoni***, u fuq il-kwalità tal-ispjegazzjonijiet mogħtija u tal-attivitajiet proposti, minflok fuq il-

konservazzjoni tas-siti, li għandha tiġi ggarantita mir-reġimi tal-protezzjoni eżistenti.

Emenda 5

Proposta għal deċiżjoni Premessa 10 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jipproponu siti li diġà kien ingħatalhom iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew fl-iskema intergovernattiva taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew. Dawn is-siti għandhom jiġu vvalutati fuq il-bażi tal-kriterji u l-proċeduri l-ġodda.

Ġustifikazzjoni

Is-siti intergovernattivi attwali tal-Istati Membri tal-UE huma mistiedna jkunu parti mill-inizjattiva l-ġdida tal-UE. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza ġenerali tal-inizjattiva, dawn is-siti jeħtieġ li jiġu vvalutati mill-ġdid mal-kriterji l-ġodda.

Emenda 6

Proposta għal deċiżjoni Premessa 10 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10b) L-evalwazzjonijiet futuri taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew jistgħu jeżaminaw jekk l-inizjattiva għandhiex tikber biex tinkludi pajjiżi terzi li jipparteċipaw fil-Programm tal-Kultura.

Emenda 7

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) L-arranġamenti amministrattivi għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew għandhom **jibqgħu** ħfief u flessibbli b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Emenda

(11) L-arranġamenti amministrattivi għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew għandhom **ikunu** ħfief u flessibbli b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Ġustifikazzjoni

Din l-inizjattiva l-ġdida tintroduċi arranġamenti amministrattivi ġodda.

Emenda 8

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, 'siti' għandha tfisser monumenti, siti naturali jew urbani, pajsaġġi kulturali, postijiet ta' tifkira, prodotti u oġġetti kulturali, wirt intanġibbli assoċjat ma' post, inkluż wirt kontemporanju.

Emenda

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, 'siti' għandha tfisser monumenti, siti naturali, **taħt wiċċ il-baħar, arkeoloġiċi, industrijali** jew urbani, pajsaġġi kulturali, postijiet ta' tifkira, prodotti u oġġetti kulturali, wirt intanġibbli assoċjat ma' post, inkluż wirt kontemporanju.

Ġustifikazzjoni

Is-siti arkeoloġiċi huma direttament marbutin mal-wirt kulturali Ewropew u bħala tali għandhom jissemmew fid-definizzjoni. Is-siti taħt wiċċ il-baħar għandhom ukoll jiġu kklassifikati f'din id-definizzjoni minħabba t-tradizzjoni marittima twila tal-poplu Ewropew mill-preistorja sal-lum il-ġurnata.

Emenda 9

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 3 – paragrafu 1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– ***Issaħħaħ*** is-sens ta' appartenenza taċ-ċittadini Ewropej għall-Unjoni Ewropea, fuq il-bażi tal-elementi komuni tal-istorja u l-wirt kulturali, ***kif ukoll apprezzament tad-diversità***;

Emenda

– ***Jissaħħaħ*** is-sens ta' appartenenza taċ-ċittadini Ewropej għall-Unjoni, ***b'mod partikolari dak taż-żgħażaġh***, fuq il-bażi ***tal-valuri u*** tal-elementi komuni tal-istorja u l-wirt kulturali ***tal-Ewropa***;

Ġustifikazzjoni

Il-promozzjoni tal-aċċess taż-żgħażaġh għall-wirt kulturali Ewropew hija prijorità taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew u għandha tiġi enfasizzata. Iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew m'għandux x'jaqsam mal-konservazzjoni tas-siti, iżda mad-dimensjoni edukattiva tagħhom. Il-valur edukattiv taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew huwa parti mir-risposta għad-differenza li kulma tmur qiegħda tikber bejn iċ-ċittadini u l-Ewropa, b'mod speċjali għaż-żgħażaġh.

Emenda 10

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 3 – paragrafu 1 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

– ***Issaħħaħ*** id-djalogu interkulturali.

Emenda

– ***Jissaħħaħ*** id-djalogu interkulturali ***u interterritorjali, kif ukoll l-apprezzament tad-diversità***.

Emenda 11

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 3 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. ***L-għanijiet intermedji tal-azzjoni għandhom ikunu*** li:

Emenda

2. ***Għal dan il-għan, l-azzjoni għandha tfittex, bħala l-għanijiet intermedji tagħha, li:***

Ġustifikazzjoni

Ara l-Ġustifikazzjoni għall-emenda għall-Artikolu 3, paragrafu 1, parti introduttorja.

L-għanijiet intermedji jirreferu għall-impatt taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew fuq l-individwi u fuq il-patrimonju kollu. F'dan il-livell, l-impatt jista' jitkejjel u/jew jiġi vvalutat bi grad ta' ċertezza skont indikaturi tal-impatt intermedji.

Emenda 12

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 3 – paragrafu 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– **Ittejjeb** il-valur u l-profil tas-siti li kellhom rwol **ewlieni** fl-istorja u **l-bini** tal-Unjoni **Ewropea**;

Emenda

– **Tisħaq fuq** il-valur **simboliku** u **tgħolli** l-profil tas-siti li kellhom rwol **sinifikanti** fl-istorja u **l-kultura tal-Ewropa u/jew fil-bini** tal-Unjoni;

Ġustifikazzjoni

Iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew għandu jippromwovi l-valur tas-siti li diġà jeżisti. L-inizjattiva hija importanti kemm biex tinkoraġġixxi l-integrazzjoni Ewropea permezz tal-għarfien tal-kultura u l-istorja tal-Ewropa kif ukoll biex issaħħaħ is-sens ta' appartenenza għall-Unjoni Ewropea u biex tressaq in-nies lejn l-istituzzjonijiet tagħha.

Emenda 13

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 3 – paragrafu 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

– Iżżid il-fehim taċ-ċittadini Ewropej dwar **il-bini** tal-Ewropa, u tal-wirt kulturali komuni **minkejja** li divers tagħhom, speċjalment dak relatat mal-valuri demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem li **jsejsu** l-proċess tal-integrazzjoni Ewropea.

Emenda

– Iżżid il-fehim taċ-ċittadini Ewropej dwar **l-istorja** tal-Ewropa u **l-bini tal-Unjoni**, u tal-wirt kulturali **tanġibbli u intanġibbli** komuni **għalkemm** divers tagħhom, speċjalment dak relatat mal-valuri demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem li **jirfdu** l-proċess tal-integrazzjoni Ewropea.

Ġustifikazzjoni

L-istorja u l-kultura tal-Ewropa u l-bini tal-Unjoni Ewropea huma żewġ kunċetti distinti ta' importanza ugwali għall-wirt kulturali u simboliku Ewropew.

Emenda 14

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 3 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. *L-għanijiet* speċifiċi *tal-azzjoni huma dawn li ġejjin:*

3. *Is-siti stess għandhom ifittxu, bħala għanijiet* speċifiċi, *li:*

Ġustifikazzjoni

Ara l-Ġustifikazzjoni għall-emenda għall-Artikolu 3, paragrafu 1, parti introduttorja.

L-għanijiet speċifiċi għandhom x'jaqsmu ma' dak it-titjib li s-siti stess – individwalment u kollettivament – jaspiraw għalih fil-proċess għall-kisba taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew..

Emenda 15

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 3 – paragrafu 3 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– *Li tqajjem* l-għarfien fost iż-żgħażaġh dwar il-wirt kulturali komuni tagħhom;

– *Ikabbru* l-għarfien fost iż-żgħażaġh *b'mod partikolari u fost iċ-ċittadini Ewropej b'mod ġenerali* dwar il-wirt kulturali komuni tagħhom *u jsaħħulhom is-sens ta' identità Ewropea;*

Ġustifikazzjoni

L-iżvilupp ta' identità Ewropea huwa objettiv vitali tal-proċess ta' integrazzjoni Ewropea, u bħala tali jista' jkun promoss b'mod attiv permezz taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew.

Emenda 16

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 3 – paragrafu 3 – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– *Li żżid* l-aċċess għas-siti ta' patrimonju *għall-membri kollha tal-pubbliku,* speċjalment għaż-żgħażaġh;

– *Iżidu u/jew itejbu* l-aċċess għas-siti ta' patrimonju *għal kulħadd,* speċjalment għaż-żgħażaġh;

Emenda 17

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3 – paragrafu 3 – inċiż 5

Test propost mill-Kummissjoni

– **Li żżid id-djalogu** interkulturali, speċjalment fost iż-żgħażaġħ, permezz ta' edukazzjoni artistika, kulturali **u** storika;

Emenda

– **Iżidu d-djalogu** interkulturali, speċjalment fost iż-żgħażaġħ, permezz ta' edukazzjoni artistika, kulturali, storika **u interattiva onlajn**;

Ġustifikazzjoni

Iż-żgħażaġħ jissoċjalizzaw, jagħmlu kuntatti, jitgħallmu u jinteraġixxu bl-użu tal-informatika u tas-siti ta' netwerking soċjali. Huwa faċli ħafna għall-ġenerazzjoni żagħżuġha li tesprimi ruħha permezz ta' blogs, Facebook u siti edukattivi oħrajn. It-tagħlim interattiv permezz tal-internet huwa l-aqwa strument u l-aktar wieħed kosteffettiv biex id-djalogu interkulturali jinġieb 'il quddiem u għalhekk għandu jiġu inkluż fl-emenda.

Emenda 18

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3 – paragrafu 3 – inċiż 6

Test propost mill-Kummissjoni

– **Li trawwem** sinerġiji bejn il-wirt kulturali u l-ħolqien **u l-kreattività kontemporanji**;

Emenda

– **Irawmu** sinerġiji bejn il-wirt kulturali u l-ħolqien **kontemporanju u jappoġġaw il-kreattività**;

Ġustifikazzjoni

Is-sinerġiji bejn il-wirt kulturali u l-ħolqien kontemporanju jistgħu jaġixxu bħala katalizzaturi għall-kreattività.

Emenda 19

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3 – paragrafu 3 – inċiż 6 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– Ikatru l-interazzjoni bejn il-wirt kulturali u l-attivitajiet ekonomiċi li jikbru madwaru, filwaqt li tiġi rrispettata l-integrità tiegħu u jingħata kontribut għas-sostenibilità tiegħu u tal-ambjent ta' madwaru;

Ġustifikazzjoni

Il-wirt kulturali ta' żona jista' jkun wieħed mill-assi prinċipali tagħha, bil-potenzjal li jiġġenera ekonomija li tiffjorixxi misjuqa mit-turiżmu kulturali, l-industriji kulturali, eċċ. Barra minn hekk, l-interazzjoni mal-attività ekonomika produttiva tippermetti lis-siti ta' patrimonju jikkontribwixxu għaż-żamma tagħhom stess, peress li l-ispejjeż għoljin involuti biex jitmexxew sikwit ikunu ta' piż kbir.

Emenda 20

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 3 – paragrafu 3 – inċiż 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– Li tikkontribwixxi għall-attrazzjoni u l-iżvilupp sostenibbli tar-reġjuni.

– Jikkontribwixxu għall-attrazzjoni, l-inflwenza kulturali, l-iżvilupp turistiku u l-iżvilupp sostenibbli tar-reġjuni.

Emenda 21

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 3 – paragrafu 3 – inċiż 7 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– Iħeġġu l-ħolqien ta' netwerks Ewropej għat-titjib tal-wirt Ewropew komuni.

Ġustifikazzjoni

Il-wirt Ewropew huwa divers ħafna u n-netwerks interreġjonali jistgħu jenfasizzaw it-tema Ewropea komuni li tinstab f'perjodi u stili artistiċi differenti ħafna. Jistgħu jinħolqu netwerks, pereżempju, għall-Ordni Ċisterċensi, ir-Roma, il-Moderniżmu jew l-Art Nouveau, għar-riti tas-solstizju, eċċ, u b'hekk wieħed ikun qiegħed jgħin liċ-ċittadini Ewropej japprezzaw li ħafna minn dak li jikkunsidraw bħala wirt kulturali tagħhom jeżisti fl-Ewropa kollha.

Emenda 22

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw ***il-kumplimentarjetà taċ-Ċertifikat*** tal-Patrimonju Ewropew ***ma'*** inizjattivi oħrajn fil-qasam tal-wirt kulturali, bħal-Lista tal-Patrimonju Dinji tal-UNESCO u r-‘Rotot Kulturali Ewropej’ tal-Kunsill tal-Ewropa.

Emenda

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw ***li ċ-Ċertifikat*** tal-Patrimonju Ewropew ***jissupplimenta bla ma jidduplika*** inizjattivi oħrajn fil-qasam tal-wirt kulturali, bħal-Lista tal-Patrimonju Dinji tal-UNESCO, ***il-Lista Rappreżentattiva tal-Wirt Kulturali Intanġibbli tal-Umanità tal-UNESCO*** u r-‘Rotot Kulturali Ewropej’ tal-Kunsill tal-Ewropa.

Ġustifikazzjoni

Ara l-Ġustifikazzjoni għall-emenda għall-Premessa 7.

Emenda 23

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 7 – punt 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Il-kandidati ***għaċ-ċertifikat*** għandu jkollhom valur Ewropew simboliku u ***għandhom ikunu lagħbu*** rwol ***ewlieni*** fl-istorja u fit-tiswir tal-Unjoni ***Ewropea***. Għalhekk, ***il-kandidati*** għandhom jiġġustifikaw:

Emenda

(1) Il-kandidati ***għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew*** għandu jkollhom valur Ewropew simboliku u ***jkun kellhom*** rwol ***sinifikanti*** fl-istorja u ***fil-kultura tal-Ewropa u/jew*** fit-tiswir tal-Unjoni. Għalhekk, għandhom jiġġustifikaw:

Ġustifikazzjoni

Ara l-Ġustifikazzjoni għall-emenda għall-Artikolu 3, paragrafu 2, inċiż 1.

Emenda 24

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 7 – punt 1 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

– u/jew il-post u l-irwol ta' sit fl-istorja Ewropea u l-integrazzjoni Ewropea, u r-rabtiet tiegħu ma' avvenimenti jew ma' personalitajiet Ewropej ewlenin, kif ukoll mal-movimenti kulturali, artistiċi, politiċi, soċjali, xjentifiċi, teknoloġiċi jew industrijali;

Emenda

– u/jew il-post u l-irwol ta' sit fl-istorja Ewropea u l-integrazzjoni Ewropea, u r-rabtiet tiegħu ma' avvenimenti jew ma' personalitajiet Ewropej ewlenin, kif ukoll mal-movimenti kulturali, artistiċi, **reliġjużi**, politiċi, soċjali, xjentifiċi, teknoloġiċi, **ambjentali** jew industrijali;

Ġustifikazzjoni

Ir-reliġjon, fi kwalunkwe forma, kienet ta' importanza fundamentali fil-kuntest Ewropew, billi wasslet għal gwerer u influwenzat il-filosofija, il-ħsieb u l-kultura ġenerali, kif ukoll bosta produzzjoni artistika sas-seklu dsatax, biex ma nsemmux kwistjonijiet oħrajn li jikkonċernaw ir-reliġjon. Barra minn hekk, il-monumenti l-kbar tal-Ewropa huma essenzjalment ta' natura reliġjuża, u għalhekk ikun assurdu li r-reliġjon ma tkunx imdaħħla.

Emenda 25

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 7 – punt 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Il-kandidati **għaċ-ċertifikat** għandhom jissottomettu proġett li **jippromwovi d-dimensjoni Ewropea tagħhom u jorbothom mal-elementi** kollha li ġejjin:

Emenda

(2) Il-kandidati **għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew** għandhom jissottomettu proġett li **l-implimentazzjoni tiegħu trid tibda mhux aktar tard minn tmiem is-sena tan-nomina, u li jkun jinkludi l-elementi** kollha li ġejjin:

Ġustifikazzjoni

It-twaqqif ta' skadenza għall-implimentazzjoni tal-kriterji sa tmiem is-sena tan-nomina jobbliga lill-kandidati jwettqu l-impenji tagħhom.

Emenda 26

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 7 – punt 2 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

– jippromwovu l-multilingwiżmu billi
jużaw diversi lingwi tal-Unjoni **Ewropea**;

Emenda

– jippromwovu l-multilingwiżmu **u d-
diversità reġjonali** billi jużaw diversi
lingwi tal-Unjoni **bħala muftieħ għad-
djalogu interkulturali**;

Emenda 27

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 7 – punt 2 – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni

– **jieħdu sehem fl-attivitajiet ta' netwerks
ta' siti li jingħataw** iċ-Ċertifikat tal-
Patrimonju Ewropew **sabiex ikunu jistgħu
jaqsmu l-esperjenzi tagħhom u jibdew
proġetti komuni**;

Emenda

– **jikkoperaw ma' siti li jkun diġà
ngħatalhom** iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju
Ewropew;

Emenda 28

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 7 – punt 2 – inċiż 5

Test propost mill-Kummissjoni

– jgħollu l-profil u l-attrazzjoni tas-sit fuq
skala Ewropea, **pereżempju billi jużaw
teknoloġija moderna**;

Emenda

– jgħollu l-profil u l-attrazzjoni tas-sit fuq
skala Ewropea, **fosthom permezz ta'
teknoloġija ġdida tal-informazzjoni u l-
komunikazzjoni**;

Emenda 29

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 7 – punt 2 – inċiż 5 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**– jiżguraw li s-sit isir aċċessibbli għaċ-
ċittadini Ewropej filwaqt li jirrispetta bis-
sħiħ l-integrità tiegħu;**

Ġustifikazzjoni

Biex wieħed jgħid dak li m'għandux għalfejn jgħid, ħafna monumenti mhumiex miftuħa għall-pubbliku, u dan jagħmilha diffiċli li wieħed jidentifika ruħu magħhom b'xi mod.

Emenda 30

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 7 – punt 2 – inċiż 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– l-organizzazzjoni ta' attivitajiet artistiċi u kulturali (pereżempju avvenimenti, festivals, residenzi) li jħeġġu l-mobbiltà **tal-artisti Ewropej u l-ġabriet**, li jstimulaw id-djalogu interkulturali u jinkoraġġixxu r-rabta bejn il-patrimonju u l-ħolqien u l-kreattività kontemporanji **huma apprezzati** kull meta l-ispeċifità tas-sit tippermetti dan.

L-organizzazzjoni ta' attivitajiet artistiċi u kulturali (pereżempju avvenimenti, festivals, residenzi) li jħeġġu l-mobbiltà **tal-aġenti kulturali, l-artisti u l-kollezzjonijiet Ewropej**, li jstimulaw id-djalogu interkulturali u jinkoraġġixxu r-rabta bejn il-patrimonju u l-ħolqien u l-kreattività kontemporanji **hija apprezzata** kull meta l-ispeċifità tas-sit tippermetti dan.

Ġustifikazzjoni

Din is-sentenza m'għandhiex tkun parti mill-kriterji obligatorji, iżda biss element fakultattiv, billi l-kriterji għandhom jiġu applikati proporzjonalment mad-daqs u t-tip tas-siti. Mhux is-siti kollha jkunu jistgħu jagħmlu attivitajiet artistiċi u kulturali.

Emenda 31

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 7 – punt 3 – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– jiżguraw l-aċċess għall-pubbliku l-aktar wiesa' possibbli, pereżempju permezz ta' adattamenti fis-sit jew għoti ta' taħriġ lill-

– jiżguraw l-aċċess għall-pubbliku l-aktar wiesa' possibbli, pereżempju permezz ta' adattamenti fis-sit jew għoti ta' taħriġ lill-

persunal;

persunal, *u permezz tal-użu tal-internet, fosthom għal persuni anzjani u nies b'diżabilità;*

Emenda 32

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 7 – punt 3 – inċiż 6

Test propost mill-Kummissjoni

– jippromwovu s-siti bħala destinazzjonijiet turistiċi;

Emenda

– jippromwovu s-siti bħala destinazzjonijiet turistiċi *filwaqt li jillimitaw l-impatti negattivi li jistgħu jolqtu s-siti jew l-ambjent tagħhom;*

Ġustifikazzjoni

L-iżvilupp turistiku m'għandu bl-ebda mod jolqot ħażin lis-sit u l-ambjent ta' madwaru.

Emenda 33

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 7 – punt 3 – inċiż 8

Test propost mill-Kummissjoni

– jiżguraw li, kemm jista' jkun possibbli, il-pjan ta' ġestjoni ma jagħmilx ħsara lill-ambjent *sabiex jiġu limitati l-impatti negattivi potenzjali tat-turiżmu.*

Emenda

– jiżguraw li, kemm jista' jkun possibbli, il-pjan ta' ġestjoni ma jagħmilx ħsara lill-ambjent.

Ġustifikazzjoni

Ara l-emenda għall-Artikolu 7, punt 3, inċiż 6.

Emenda 34

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-bord Ewropew għandu jkun jikkonsisti minn **12-il membru**. Erbgħa mill-membri għandhom jiġu nnominati mill-Parlament Ewropew, erbgħa mill-Kunsill **u** erbgħa mill-Kummissjoni. Il-bord għandu jaħtar il-president tiegħu.

Emenda

2. Il-bord Ewropew għandu jkun jikkonsisti minn **13-il membru**. Erbgħa mill-membri għandhom jiġu nnominati mill-Parlament Ewropew, erbgħa mill-Kunsill, erbgħa mill-Kummissjoni **u wieħed mill-Kumitat tar-Reġjuni, skont il-proċeduri rispettivi tagħhom**. Il-bord Ewropew għandu jaħtar il-president tiegħu.

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni ta' membru tal-Kumitat tar-Reġjuni fil-bord Ewropew tagħti leħen lill-awtoritajiet lokali u reġjonali, u għalhekk ikun iktar rappreżentattiv u jista' wkoll jiġbed l-interess lokali u reġjonali. Dan iwassal ukoll biex ikun hemm numru fard ta' membri tal-bord.

Emenda 35

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-membri tal-bord Ewropew għandhom ikunu esperti indipendenti. Huma għandu jkollhom esperjenza u kompetenza sostanzjali **fil-qasam tal-kultura, il-patrimonju, l-istorja Ewropea, jew f'oqsma oħrajn** li huma rilevanti għall-għanijiet taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew.

Emenda

3. Il-membri tal-bord Ewropew għandhom ikunu esperti indipendenti. Huma għandu jkollhom esperjenza u kompetenza sostanzjali fl-oqsma li huma rilevanti għall-għanijiet taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew. **L-istituzzjonijiet li jinnominaw l-esperti għandhom ifittxu li jiżguraw kemm jista' jkun il-komplementarjetà tal-oqsma rispettivi tal-kompetenza tagħhom u rappreżentanza bbilanċjata ġeografikament.**

Ġustifikazzjoni

Il-bord Ewropew għandu jkun magħmul minn esperti kulturali li jkopru l-oqsma kollha relatati mal-għanijiet taċ-Ċertifikat (il-lista m'għandhiex tkun restrittiva u tista' tvarja minn studji umanitarji għall-immaniġġjar ta' oġġetti kulturali) filwaqt li tinżamm rappreżentanza ġusta tal-Istati Membri kollha.

Emenda 36

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-membri tal-bord Ewropew għandhom jiġu nnominati għal tliet snin. Permezz ta' deroga, fl-ewwel sena li matulha tkun fis-seħħ din id-Deċiżjoni, għandhom jiġu nnominati erba' esperti mill-Kummissjoni għal sena waħda, erbgħa mill-Parlament Ewropew għal sentejn u erbgħa mill-Kunsill għal tliet snin.

Emenda

4. Il-membri tal-bord Ewropew għandhom jiġu nnominati għal tliet snin. Permezz ta' deroga, fl-ewwel sena li matulha tkun fis-seħħ din id-Deċiżjoni, għandhom jiġu nnominati erba' esperti mill-Kummissjoni għal sena waħda, erbgħa mill-Parlament Ewropew ***u wieħed mill-Kumitat tar-Reġjuni*** għal sentejn u erbgħa mill-Kunsill għal tliet snin.

Ġustifikazzjoni

Ara l-emenda għall-Artikolu 8(2).

Emenda 37

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 8 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. ***Jekk jirriżulta li hemm*** kunflitt ta' interess ***bejn membru tal-bord u*** sit speċifiku, il-membru tal-bord m'għandux ***jieħu sehem*** fl-evalwazzjoni tal-imsemmi sit.

Emenda

5. ***Il-membri tal-bord Ewropew għandhom jiddikjaraw kull*** kunflitt ta' interess ***jew kunflitt potenzjali ta' interess rigward*** sit speċifiku. ***Fil-każ ta' dikjarazzjoni simili, jew jekk jirriżulta xi kunflitt ta' interess,*** il-membru tal-bord m'għandux ***jipparteċipa*** fl-evalwazzjoni tal-imsemmi sit ***jew ta' siti oħrajn tal-istess Stat Membru.***

Ġustifikazzjoni

Dawn l-arranġamenti prattiċi jiżguraw li jkun hemm trasparenza fil-proċedura.

Emenda 38

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 9

Test propost mill-Kummissjoni

Bil-għan li l-proċeduri jinżammu razzjonalizzati u ħfief kemm jista' jkun possibbli, għandha tiġi ppreparata formola ta' applikazzjoni komuni bbażata fuq il-kriterji tal-għażla mill-Kummissjoni u użata mill-kandidati kollha. Huma biss dawk l-applikazzjonijiet li jiġu sottomessi fuq il-formola tal-applikazzjoni uffiċjali li *sejrin* jiġu kkunsidrati biex jintgħażlu.

Emenda

Għandha tiġi ppreparata formola ta' applikazzjoni komuni bbażata fuq il-kriterji tal-għażla ***stipulati fl-Artikolu 7*** mill-Kummissjoni u użata mill-kandidati kollha. Huma biss dawk l-applikazzjonijiet li jiġu sottomessi fuq il-formola tal-applikazzjoni uffiċjali li jiġu kkunsidrati biex jintgħażlu.

Emenda 39

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-għażla minn qabel tas-siti għall-attribuzzjoni taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew għandha tkun taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri.

Emenda

1. L-għażla minn qabel tas-siti għall-attribuzzjoni taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew għandha tkun taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri, ***bil-koperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet lokali u reġjonali***.

Emenda 40

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Kull Stat Membru għandu jkollu l-possibbiltà li jagħżel minn qabel sa massimu ta' żewġ siti kull ***sena*** b'konformità mal-kalendarju fl-Anness. ***Il-proċedura tal-għażla mgħandhiex issir fis-snin iddedikati għall-proċedura tal-monitoraġġ.***

Emenda

2. Kull Stat Membru għandu jkollu l-possibbiltà li jagħżel minn qabel sa massimu ta' żewġ siti kull ***sentejn*** b'konformità mal-kalendarju fl-Anness.

Ġustifikazzjoni

L-għażla tas-siti kull sentejn tiżgura l-kwalità aħjar tal-proċess tal-għażla kif ukoll tas-siti magħżula. L-għadd ta' siti għandu jkun raġonevoli sabiex il-kwalità, il-kredibilità u l-prestiġju taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew ma jkunux fil-periklu. Il-proċedura tal-għażla għandha ssir f'sena minnhom fil-livell tal-Istati Membri, u fis-sena ta' wara fil-livell Ewropew bin-nomina uffiċjali tas-siti. F'dan il-każ, il-monitoraġġ tas-siti jista' jsir b'mod parallel mal-proċess tal-għażla.

Emenda 41

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi l-proċeduri u l-kalendarju tiegħu stess għall-għażla minn qabel tas-siti b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, billi jiżgura li l-arranġamenti amministrattivi jibqgħu kemm jista' jkun ħfief u flessibbli. Madankollu, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bir-riżultati tal-għażla minn qabel l-aktar tard **sal-31 ta' Jannar** tas-sena tal-proċedura **tal-għażla**.

Emenda

3. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi l-proċeduri u l-kalendarju tiegħu stess għall-għażla minn qabel tas-siti b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, billi jiżgura li l-arranġamenti amministrattivi jibqgħu kemm jista' jkun ħfief u flessibbli. Madankollu, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bir-riżultati tal-għażla minn qabel l-aktar tard **sal-1 ta' Marzu** tas-sena tal-proċedura **ta' qabel l-għażla**.

Ġustifikazzjoni

Skont il-kalendarju li għadu kemm ġie propost (ara l-Anness).

Emenda 42

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 10 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-għażla minn qabel għandha **tkun ibbażata fuq il-kriterji** stipulati fl-Artikolu 7 u għandha tuża l-formola tal-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 9.

Emenda

4. L-għażla minn qabel għandha **ssir bi qbil mal-kriterji** stipulati fl-Artikolu 7 u għandha tuża l-formola tal-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 9.

Ġustifikazzjoni

L-għażla minn qabel għandha ssir skont l-istess kriterji u għandhom jintużaw l-istess formoli ta' applikazzjoni f'kull Stat Membru.

Emenda 43

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 10 – paragrafu 4 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista sħiħa ta' siti magħżula minn qabel u għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwarha.

Ġustifikazzjoni

Il-proċedura tidher aktar trasparenti jekk is-siti magħżula minn qabel jiġu ppubblikati u jekk l-istituzzjonijiet kollha tal-UE involuti jkunu infurmati dwar dan.

Emenda 44

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. L-għażla finali għandha ***tkun ibbażata fuq il-kriterji*** stipulati fl-Artikolu 7 u għandhom jintużaw il-formola tal-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 9.

3. L-għażla finali għandha ***ssir bi qbil mal-kriterji*** stipulati fl-Artikolu 7 u għandhom jintużaw il-formola tal-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 9.

Ġustifikazzjoni

L-għażla finali fil-livell tal-UE għandha ssir skont l-istess kriterji u billi jintużaw l-istess formoli ta' applikazzjoni.

Emenda 45

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-bord Ewropew għandu joħroġ rapport dwar is-siti magħżula minn qabel l-aktar tard **sal-31 ta' Ottubru** tas-sena tal-proċedura **tal-għażla**. Dan ir-rapport għandu jinkludi rakkomandazzjoni għall-attribuzzjoni taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew u ġustifikazzjoni għas-siti li ma nżammux fil-lista finali.

Emenda

4. Il-bord Ewropew għandu joħroġ rapport dwar is-siti magħżula minn qabel l-aktar tard **sal-15 ta' Diċembru** tas-sena tal-proċedura **ta' qabel l-għażla**. Dan ir-rapport għandu jinkludi rakkomandazzjoni għall-attribuzzjoni taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew u ġustifikazzjoni għas-siti li ma nżammux fil-lista finali.

Ġustifikazzjoni

Skont il-kalendarju li għadu kemm ġie propost (ara l-Anness).

Emenda 46

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-applikazzjonijiet għas-siti transnazzjonali għandhom isegwu l-istess proċedura bħall-applikazzjonijiet għal siti oħrajn. Dawn għandhom jintgħażlu minn qabel **minn wieħed** mill-Istati Membri kkonċernati fi ħdan il-limitu ta' massimu ta' żewġ siti kif stipulat fl-Artikolu 10, **u għandhom jiġu proposti f'isem l-Istati Membri kollha kkonċernati wara konsultazzjoni u ftehim bejn dawn l-Istati Membri.**

Emenda

2. L-applikazzjonijiet għas-siti transnazzjonali għandhom isegwu l-istess proċedura bħall-applikazzjonijiet għal siti oħrajn. Dawn għandhom jintgħażlu minn qabel mill-Istati Membri **kollha** kkonċernati fi ħdan il-limitu **tagħhom** ta' massimu ta' żewġ siti kif stipulat fl-Artikolu 10. **Is-siti transnazzjonali għandhom jindikaw wieħed mis-siti involuti bħala l-koordinatur tagħhom, li jkun l-uniku punt ta' kuntatt għall-Kummissjoni. Il-koordinatur għandu jipprovdi informazzjoni dwar il-kandidatura transnazzjonali fi żmien xieraq fl-Istati Membri kollha sabiex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni ta' siti rilevanti fl-Unjoni kollha. Is-siti kollha li jipparteċipaw f'sit transnazzjonali għandhom jimlew il-formola ta' applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 9 u**

għandhom jissodisfaw il-kriterji stipulati fl-Artikolu 7.

Ġustifikazzjoni

Is-siti transnazzjonali jingħataw pożizzjoni favorevoli billi min-natura tagħhom jipromwovu l-għanijiet prinċipali ta' Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew u joħolqu networks. Għalhekk, l-Istati Membri parteċipanti għandhom jagħtu l-kwota tagħhom għas-siti li jipparteċipaw fis-sit transnazzjonali. Huwa importanti wkoll li l-Istati Membri jkunu infurmati fi żmien xieraq dwar l-intenzjoni li ssir offerta għaċ-ċertifikat għal sit transnazzjonali sabiex kull min hu interessat jiġi inkluż. Għal raġunijiet prattiċi, għandu jinħatar koordinatur wieħed għal kull sit transnazzjonali, li mbagħad ikun il-punt ta' kuntatt għall-bord Ewropew u l-Kummissjoni.

Emenda 47

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Għandha tingħata kunsiderazzjoni partikolari lil siti transnazzjonali li jrawmu l-essenza tal-wirt Ewropew transkonfinali, permezz tar-rappreżentazzjoni tagħhom tas-simboliżmu tanġibbli u intanġibbli.

Ġustifikazzjoni

Ikun ta' sinifikat kbir jekk iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew jingħata lil sit transnazzjonali, billi jkun qiegħed jipromwovi l-wirt Ewropew f'livell aktar profond li jħalli l-impatt tiegħu fuq aktar ċittadini. Il-paċi hija eżempju ta' simboliżmu intanġibbli.

Emenda 48

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 12 – paragrafu 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Jekk wieħed mis-siti inklużi f'sit transnazzjonali ma jibqax jissodisfa l-kriterji għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew jew l-impenji magħmula fl-applikazzjoni, il-proċedura stipulata fl-

Artikolu 15 għandha tapplika.

Emenda 49

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tinnomina uffiċjalment lil dawk is-siti li *sejrin* jingħataw iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew matul is-sena wara l-proċedura tal-għażla, ***fid-dawl tar-rakkomandazzjoni*** tal-bord Ewropew. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew ***u*** lill-Kunsill.

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tinnomina uffiċjalment lil dawk is-siti li *jkunu se* jingħataw iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew matul is-sena wara l-proċedura tal-għażla, ***filwaqt li titqies kif jixraq ir-rakkomandazzjoni*** tal-bord Ewropew. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill ***u lill-Kumitat tar-Reġjuni bid-deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu.***

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-emendi għall-Artikolu 8.

Emenda 50

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew *għandha tingħata* lis-siti li ***fil-prinċipju*** jkunu fuq bażi permanenti skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 14 u 15 u soġġett għall-kontinwazzjoni tal-azzjoni.

Emenda

2. Iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew *għandu jingħata* lis-siti li jkunu fuq bażi permanenti skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 14 u 15 u soġġett għall-kontinwazzjoni tal-azzjoni.

Emenda 51

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 13 – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. L-għoti taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju

Ewropew ma għandux iġib miegħu xi obbligu marbut mal-ippjanar urban, mal-ġustizzja, mat-tisbiħ, mal-mobbiltà jew mal-arkitettura. L-unika liġi applikabbli għandha tkun dik lokali.

Emenda 52

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Ir-rapport għandu jintbagħat lill-Kummissjoni u jiġi sottomess lill-bord Ewropew sabiex jiġi eżaminat l-aktar tard **sal-31 ta' Jannar** tas-sena tal-proċedura tal-monitoraġġ.

Emenda

3. Ir-rapport għandu jintbagħat lill-Kummissjoni u jiġi sottomess lill-bord Ewropew sabiex jiġi eżaminat l-aktar tard **sal-1 ta' Marzu** tas-sena tal-proċedura tal-monitoraġġ.

Ġustifikazzjoni

Skont il-kalendarju li għadu kemm ġie propost (ara l-Anness).

Emenda 53

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 14 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-bord Ewropew għandu joħroġ rapport dwar l-istat tas-siti ċċertifikati fl-Istat Membru kkonċernat l-aktar tard **sal-31 ta' Ottubru** tas-sena tal-proċedura tal-monitoraġġ, inklużi, jekk ikun hemm bżonn, rakkomandazzjonijiet li jridu jiġu kkunsidrati għall-perjodu ta' monitoraġġ li *jmiss*.

Emenda

4. Il-bord Ewropew għandu joħroġ rapport dwar l-istat tas-siti ċċertifikati fl-Istat Membru kkonċernat l-aktar tard **sal-15 ta' Diċembru** tas-sena tal-proċedura tal-monitoraġġ, inklużi, jekk ikun hemm bżonn, rakkomandazzjonijiet li jridu jiġu kkunsidrati għall-perjodu ta' monitoraġġ li *jkun imiss*.

Ġustifikazzjoni

Skont il-kalendarju li għadu kemm ġie propost (ara l-Anness).

Emenda 54

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 14 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi indikaturi komuni għall-Istati Membri sabiex ikunu jistgħu jiżguraw approċċ koerenti għall-proċedura ta' monitoraġġ.

Emenda

5. Il-Kummissjoni, **wara konsultazzjoni mal-bord Ewropew**, għandha tistabbilixxi indikaturi komuni għall-Istati Membri sabiex ikunu jistgħu jiżguraw approċċ koerenti għall-proċedura ta' monitoraġġ.

Emenda 55

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 15 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-Kummissjoni għandha tiegħu d-deċiżjoni finali li tirtira ċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Emenda

4. Il-Kummissjoni għandha tiegħu d-deċiżjoni finali li tirtira ċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew **wara li tqis kif jixraq ir-rakkomandazzjoni tal-bord Ewropew**. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill **u lill-Kumitat tar-Reġjuni bid-deċiżjoni**.

Ġustifikazzjoni

L-involvement tal-bord Ewropew fil-proċedura ta' rtirar huwa essenzjali għal raġunijiet ta' trasparenza.

Emenda 56

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 15 – paragrafu 5 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Is-siti jistgħu jagħżlu li jirrinunzjaw għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew meta jridu. F'dan il-każ, għandhom jinnotifikaw lill-Istat Membru kkonċernat, li min-naħa tiegħu jrid jinforma lill-Kummissjoni. Il-

Kummissjoni għandha tieħu d-deċiżjoni li tirtira ċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew u għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwarha.

Ġustifikazzjoni

L-għażla tal-irtirar volontarju mill-inizjattiva taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew tagħmilha aktar demokratika, meta jitqiesu s-sitwazzjonijiet fejn is-sit għal xi raġunijiet oġġettivi ma jkunx jista' jkompli jirrispetta l-impenji tiegħu jew li ma jkunx jixtieq jibqa' jipparteċipa f'din l-inizjattiva.

Emenda 57

**Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 16 – paragrafu 1 – inċiż 3**

Test propost mill-Kummissjoni

– tistabilixxi linji gwida **għall-proċeduri** tal-għażla u l-monitoraġġ, kif ukoll il-formola tal-applikazzjoni;

Emenda

– **fid-dawl tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 u bi qbil mal-kriterji stipulati fl-Artikolu 7**, tistabilixxi linji gwida **biex jgħinu fil-proċeduri** tal-għażla u l-monitoraġġ, kif ukoll il-formola tal-applikazzjoni;

Emenda 58

**Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 16 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-komunikazzjoni u l-viżibbiltà taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien u ż-żamma ta' websajt speċifika.

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-komunikazzjoni u l-viżibbiltà taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien u ż-żamma ta' websajt speċifika **u logo ġdid, biex jogħla l-profil u tiżdied l-attrazzjoni tas-sit fuq skala Ewropea, pereżempju bl-użu tal-possibilitajiet li joffru teknoloġiji ġodda u mezzi diġitali u interattivi kif ukoll bit-ftitxija ta' sinerġiji ma' inizjattivi oħrajn Ewropej. In-notifiki u r-**

rakkomandazzjonijiet kollha tal-bord Ewropew imsemmija fl-Artikolu 8(6), l-Artikolu 10(4a) u l-Artikolu 15(5) għandhom jiġu ppubblikati f'din il-websajt.

Ġustifikazzjoni

Logo ġdid jikkontribwixxi għall-viżibbiltà ta' Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew u għal proċess ta' sensibilizzazzjoni dwar din l-inizjattiva. Il-ħidma tal-bord Ewropew għandha tkun trasparenti kemm jista' tkun.

Emenda 59

**Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 17 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-evalwazzjoni esterna u indipendenti tal-azzjoni ta' Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew. Din l-evalwazzjoni għandha ssir kull sitt snin b'konformità mal-kalendarju stabbilit fl-Anness u għandha teżamina l-elementi kollha, inkluża l-effiċjenza tal-proċessi involuti fit-tmexxija tal-azzjoni, l-għadd ta' siti, l-impatt tal-azzjoni, kif dan jista' jittejjeb u jekk iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew għandux jitkompla jew le.

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-evalwazzjoni esterna u indipendenti tal-azzjoni ta' Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew. Din l-evalwazzjoni għandha ssir kull sitt snin b'konformità mal-kalendarju stabbilit fl-Anness u għandha teżamina l-elementi kollha, inkluża l-effiċjenza tal-proċessi involuti fit-tmexxija tal-azzjoni, l-għadd ta' siti, ***l-ambitu ġeografiku*** u l-impatt tal-azzjoni, kif dan jista' jittejjeb u jekk iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew għandux jitkompla jew le.

Ġustifikazzjoni

Jekk ikun meħtieġ, l-evalwazzjonijiet futuri ta' Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew jistgħu jeżaminaw kemm ikun xieraq li l-inizjattiva tikber għall-pajjiżi terzi li jipparteċipaw fil-Programm tal-Kultura.

Emenda 60

**Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 17 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta

rapport dwar dawn l-evalwazzjonijiet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien sitt xhur minn meta jiġu ffinalizzati dawn l-evalwazzjonijiet.

rapport dwar dawn l-evalwazzjonijiet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien sitt xhur minn meta jiġu ffinalizzati dawn l-evalwazzjonijiet, ***flimkien, jekk ikun xieraq, ma' proposti rilevanti.***

Emenda 61

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 18

imħassar

Dispożizzjonijiet tranżitorju

***1. Dawk is-siti li diġà ngħataw iċ-
Ċertifikat fil-qafas ta' Ċertifikat tal-
Patrimonju Ewropew intergovernattiv u li
jinsabu fl-Istati Membri għandhom jiġu
evalwati [fis-sena ta' wara d-dħul fis-seħħ
tad-Deċiżjoni preżenti].***

***Għandha tiġi sottomessa applikazzjoni
għal dawn is-siti fuq il-bażi tal-
kriterji u l-proċeduri għodda stipulati fl-
Artikoli 6 sa 9 u din għandha tintbagħat
lill-Kummissjoni mill-Istati Membri
rilevanti sal-31 ta' Jannar l-aktar tard
[tas-sena inkwistjoni].***

***L-applikazzjonijiet il-għodda għandhom
jiġu evalwati mill-bord Ewropew.***

***Jekk wieħed mis-siti proposti minn Stat
Membru speċifiku ma jissodisfax il-
kriterji jew jekk ikun hemm bżonn ta'
aktar informazzjoni, il-bord Ewropew
għandu jibda djalogu mal-Istat Membru
permezz tal-Kummissjoni sabiex jiġi
eżaminat jekk l-applikazzjoni tistax titjeb
qabel tittieħed deċiżjoni finali. Jekk ikun
hemm bżonn, jistgħu jiġu organizzati
żjarat fis-sit.***

***Il-bord Ewropew għandu jagħti rapport
dwar is-siti, flimkien ma'
rakkomandazzjoni għall-attribuzzjoni taċ-***

Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew sal-aħħar ta' [is-sena inkwistjoni] sakemm ma jkunx hemm bżonn ta' kjarifiki ulterjuri mill-Istat Membru.

Il-Kummissjoni għandha mbagħad tinnomina s-siti b'mod uffiċjali.

Iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew għandha tingħata lil dawk is-siti fil-prinċipju fuq bażi permanenti skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 14 u 15 u suġġetti għall-kontinwazzjoni tal-azzjoni.

Il-kandidati li ma nżammux fil-lista finali jistgħu jissottomettu applikazzjoni ġdida għall-għażla minn qabel fil-livell nazzjonali fis-snin li ġejjin.

2. Dawk l-Istati Membri li ma pparteċipawx fiċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew intergovernattiva għandu jkollhom il-possibbiltà li jipponu sa massimu ta' erba' siti għall-attribuzzjoni tat-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew fi [it-tieni sena wara d-dħul fis-seħħ tad-Deċizzjoni preżenti].

Għandha tiġi sottomessa applikazzjoni għal dawn is-siti fuq il-bażi tal-kriterji u l-proċeduri stipulati fl-Artikoli 6 sa 9 u din għandha tintbagħat lill-Kummissjoni mill-Istati Membri rilevanti sal-31 ta' Jannar l-aktar tard [tas-sena inkwistjoni].

L-applikazzjonijiet il-ġodda għandhom jiġu evalwati mill-bord Ewropew. Jekk wieħed mis-siti proposti minn Stat Membru speċifiku ma jissodisfax il-kriterji jew jekk ikun hemm bżonn ta' aktar informazzjoni, il-bord Ewropew għandu jibda djalogu mal-Istat Membru permezz tal-Kummissjoni sabiex jiġi eżaminat jekk l-applikazzjoni tistax titjeb qabel tittieħed deċizzjoni finali. Jekk ikun hemm bżonn, jistgħu jiġu organizzati żjarat fis-sit.

Il-bord Ewropew għandu jagħti rapport dwar is-siti, flimkien ma' rakkomandazzjoni għall-attribuzzjoni taċ-

Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew sal-aħħar ta' [is-sena inkwistjoni] sakemm ma jkunx hemm bżonn ta' kjarifiki ulterjuri mill-Istat Membru.

Il-Kummissjoni għandha mbagħad tinnomina s-siti b'mod uffiċjali.

Iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew għandha tingħata lil dawk is-siti fil-prinċipju fuq bażi permanenti skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 14 u 15 u suġġetti għall-kontinwazzjoni tal-azzjoni.

Il-kandidati li ma nżammux fil-lista finali jistgħu jissottomettu applikazzjoni ġdida għall-għażla minn qabel fil-livell nazzjonali fis-snin li ġejjin.

3. Il-proċedura tal-għażla u l-monitoraġġ għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew kif stipulata fl-Artikoli 6 sa 15 għandha tibda fi [it-tielet sena wara d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni preżenti].

Ġustifikazzjoni

Iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju tal-Unjoni Ewropea l-ġdid joħroġ miċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew intergovernattiv. Madankollu, din hija Azzjoni tal-UE bbażata fuq kriterji ġodda, komuni, ċari u trasparenti, applikazzjoni komuni u logo ġdid, differenzjata sew mill-inizjattiva intergovernattiva. Is-siti li għandhom iċ-ċertifikat intergovernattiv se jżommuh u jiġu ttrattati bl-istess mod bħall-kandidati l-oħrajn kollha għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew. Dan m'għandux inaqqas mill-valur taċ-ċertifikat intergovernattiv il-qadim u għandu jagħti aktar krettu lill-ġdid.

Emenda 62

**Proposta għal deċiżjoni
Anness – tabella**

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>		<i>Emenda</i>	
[Sena n]	Adozzjoni tad-Deċiżjoni Ħidma preparatorja	[Sena n]	Adozzjoni tad-Deċiżjoni Ħidma preparatorja
[Sena n+1]	<i>Evalwazzjoni mill-ġdid tas-siti li diġà ngħataw iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew fil-qafas tal-inizjattiva intergovernattiva</i>	[Sena n+1]	<i>Ħidma preparatorja</i>

[Sena n+2]	<i>L-ewwel sottomissjoni tas-siti mill-Istati Membri li ma pparteċipawx fl-inizjattiva intergovernattiva</i>	[Sena n+2]	<i>Għażla minn qabel mill-Istati Membri</i>
[Sena n+3]	<i>Għażla</i>	[Sena n+3]	<i>Nomina finali tas-siti</i>
[Sena n+4]	<i>Monitoraġġ</i>	[Sena n+4]	<i>Għażla minn qabel mill-Istati Membri</i>
[Sena n+5]	<i>Għażla</i>	[Sena n+5]	<i>Nomina finali tas-siti u monitoraġġ</i>
[Sena n+6]	<i>Għażla Evalwazzjoni taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew</i>	[Sena n+6]	<i>Għażla minn qabel mill-Istati Membri</i>
[Sena n+7]	<i>Għażla</i>	[Sena n+7]	<i>Nomina finali tas-siti Evalwazzjoni taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew</i>
[Sena n+8]	<i>Monitoraġġ</i>	[Sena n+8]	<i>Għażla minn qabel mill-Istati Membri</i>
[Sena n+9]	<i>Għażla</i>	[Sena n+9]	<i>Nomina finali tas-siti u monitoraġġ</i>
[Sena n+10]	<i>Għażla</i>	[Sena n+10]	<i>Għażla minn qabel mill-Istati Membri</i>
[Sena n+11]	<i>Għażla</i>	[Sena n+11]	<i>Nomina finali tas-siti</i>
[Sena n+12]	<i>Monitoraġġ Evalwazzjoni taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew</i>	[Sena n+12]	<i>Għażla minn qabel mill-Istati Membri</i>
...	...	[Sena n+13]	<i>Nomina finali tas-siti Evalwazzjoni taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew</i>

Ġustifikazzjoni

Ara l-Ġustifikazzjoni għall-emenda għall-Artikolu 10, paragrafu 2.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-formazzjoni ta' identità Ewropea komuni u t-tkabbir fl-interess fl-Unjoni Ewropea u l-ġenesi tagħha huma sfidi li l-istituzzjonijiet Ewropej qed jiffaċċjaw fi sforz biex jintlaħqu koeżjoni u solidarjetà wisgħin.

Hemm ċertament modi oħrajn, aktar radikali u ovvj, biex titjeb il-fiduċja tal-Ewropej fl-Unjoni Ewropea u l-mexxejja tagħha (il-kriżi finanzjarja reċenti wriet li għad fadal ħafna x'jinkiseb fil-livelli ta' fuq tal-amministrazzjoni); madankollu, l-għarfien tal-istorja tal-kontinent tagħna, il-familjarità mal-wirt kulturali multinazzjonali, għalkemm komuni, u t-titjeb fl-educazzjoni tal-ġenerazzjoni żagħżuġha fl-ideat u fin-nies li wasslu għall-bini tal-Unjoni Ewropea, jistgħu effettivament jikkontribwixxu biex tonqos id-differenza bejn l-UE u ċ-ċittadini tagħha.

Il-proposta tal-Kummissjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni toħroġ mill-kunċett oriġinali ta' Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew li tfaċċa fl-2005 bħala waħda mis-soluzzjonijiet proposti biex tonqos id-diskrepanza bejn l-UE u ċ-ċittadini tagħha. Inizjalment mibdi f'April 2006 minn ftit stati Ewropej (Franza, Spanja, u l-Ungerija) fuq bażi intergovernattiva, kellu l-għan li jsir użu mill-patrimonju kulturali u l-istorja komuni tagħna biex jissaħħaħ is-sens ta' ċ-ċittadini Ewropej ta' appartenenza għall-Ewropa. Sal-lum, ingħataw iċ-Ċertifikat total ta' 64 sit li jinsabu fi 17-il Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll fl-Isvizzera.

Fl-20 ta' Novembru 2008, l-Istati Membri talbu lill-Kummissjoni Ewropea tittrasforma ċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew intergovernattiv f'azzjoni formali tal-UE li sserve għall-istess għan, iżda tissimplifika l-funzjoni tiegħu u tiggarrantilu suċċess fit-tul.

Konsultazzjoni pubblika wiesgħa flimkien ma' Valutazzjoni tal-Impatt urew li ċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew jista' jilħaq aħjar l-għanijiet tiegħu jekk jitħaddem bħala inizjattiva tal-Unjoni Ewropea, bl-istess kriterji definiti sew, flimkien ma' sistema ta' monitoraġġ b'saħħitha li tgħin biex titjeb il-viżibilità u l-kredibilità ta' Ċertifikat – mingħajr l-iżvantaġġi inerenti f'amministrazzjoni instabbli ta' rotazzjoni, komunikazzjoni dgħajfa u interess f'jakk fil-parteċipazzjoni.

Sabiex jintlaħaq l-għan politiku tiegħu, iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew il-ġdid, kif propost, għandu jiffoka fuq is-simboliżmu u/jew il-valur edukattiv, aktar milli fuq is-sbuħija ta' sit – kif diġà jagħmlu inizjattivi oħrajn fil-qasam tal-wirt kulturali – u għandu jinsisti fuq kooperazzjoni mill-qrib fost is-siti ċċertifikati b'tali mod li jinqasmu l-aħjar Prattiki u jinbdew proġetti komuni.

Il-pożizzjoni tar-Rapporteur

Ir-Rapporteur jilqa' b'sodisfazzjoni il-proposta tal-Kummissjoni biex tuża ċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew bħala għodda, fost metodi effiċjenti oħrajn, biex jimtela l-vojt bejn l-Unjoni Ewropea u ċ-ċittadini tagħha; bħala mod kif jiġi enfasizzat li l-istorja Ewropea hija r-riżultat ta' wirt kulturali komuni varju, iżda rikk u komplementari; u bħala apprezzament li l-

UE għandha għeruqha f'valuri qawwija bħal-libertà, id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, id-diversità kulturali, it-tolleranza u s-solidarjetà. Id-deċiżjoni tal-Istati Membri li ċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew jidħol fil-qafas tal-UE mhux biss se tgħin biex jiżdiedu l-viżibilità, il-prestiġju u l-kredibilità tiegħu, iżda wkoll għandha tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-ideali ta' koeżjoni u solidarjetà li ilhom imfittxija fost iċ-ċittadini Ewropej.

Ir-rapporteur oriġinarjament esprimiet l-idea ta' ċertifikat li jestendi lil hinn mill-fruntieri tal-Unjoni Ewropea u li jista' jintuża bħala mezz ambizzjuż li jaqdi politika li tħares 'il barra, minħabba l-kontribut rikonoxxut b'mod wiesa' li l-kultura Ewropea tat lid-dinja. Madankollu, jidher li huwa aktar realistiku għalissa li ċ-ċertifikat jitqies bħala għodda biex tissaħħaħ il-koeżjoni fl-Unjoni Ewropea fost l-Istati Membri u n-nies tagħhom, qabel ma jsir xi tentattiv biex jintuża bħala premju lil hinn mill-fruntieri tal-UE għal kull kontribut għall-istorja u l-wirt tal-bniedem li joriġinaw mill-valuri li xi darba twieldu u ġew applikati fil-kontinent tagħna.

Xi punti fil-proposta jkun jeħtiġilhom, madankollu, aktar titjib u kjarifika:

I. ĊERTIFIKAT TAL-PATRIMONJU TAL-UNJONI EWROPEA

It-tibdil tal-isem taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew (EHL) għal Ċertifikat tal-Patrimonju tal-Unjoni Ewropea (EUHL) – taħt azzjoni Komunitarja – huwa ta' importanza kbira għall-opinjoni tar-rapporteur u għall-kunċett taċ-ċertifikat kif stabbilit fil-proposta: dan jiddistingwi b'mod ċar tal-aħħar minn tal-ewwel, u jirrifletti li ċ-Ċertifikat il-ġdid għandu jintuża bħala mezz li jipprova jwassal għall-kisba tal-koeżjoni u s-solidarjetà, l-ewwel u qabel kollox, fost iċ-ċittadini tal-UE.

Bħala azzjoni ġdida, bi kriterji aktar konkreti u sistema ta' monitoraġġ definita tajjeb, isem ġdid għal ċertifikat ġdid u logo ġdid jiddistingwu tal-aħħar minn ta' qablu. Dan is-suġġeriment, minbarra li joffri żmien biex l-azzjoni u l-implimentazzjoni tagħha jiġu ppruvati, jgħin biex tiġi ttrattata l-kwistjoni tad-dispożizzjonijiet tranżitorji, deskritti hawn taħt.

II. L-GĦADD TAS-SITI: GĦAŻLA KULL SENTEJN

Il-preżentazzjoni annwali taċ-Ċertifikat lil massimu ta' 27 sit kull sena mhux biss timmultiplika b'mod drammatiku l-għadd ta' siti ċertifikati fl-ewwel snin, iżda għandha r-riskju definit li tnaqqas il-prestiġju taċ-Ċertifikat. Barra minn hekk, dan iħalli impatt fuq il-kwalità tal-proċedura ta' sorveljanza, speċjalment mill-bord Ewropew, li xogħlu jkun li jirrevedi r-rapporti dwar il-monitoraġġ ippubblikati mill-Istati Membri u li joħroġ rakkomandazzjonijiet.

Ir-rapporteur hi tal-fehma li l-għażla ta' siti kull sentejn tiżgura titjib fil-kwalità kemm tal-proċess kif ukoll tas-siti magħżula, li tħalli aktar żmien għall-ewwel għażla (fil-livell ta' Stat Membru) u għat-tieni għażla (fil-livell Ewropew), filwaqt li tiffaċilita l-monitoraġġ tas-siti.

III. SITI TRANSNAZZJONALI

Ir-rapporteur jaqbel li minħabba l-valur simboliku taċ-ċertifikat bħala strument kontributorju għall-integrazzjoni Ewropea, is-siti transnazzjonali għandhom jiġu ppreferuti peress li jippromwovu l-karatteristiki komuni, jippromwovu n-netwerking, u jinkoraġġixxu l-koperazzjoni u l-kollaborazzjoni bejn l-Istati jew ir-reġjuni. Għalhekk, is-siti transnazzjonali

għandu jkollhom rwol prominenti fil-'kwota' ordinarja tal-Istati Membri kollha ta' żewġ siti proposti kull sena. Għal raġunijiet prattiċi, Stat Membru se jkun il-'koordinatur' u l-punt ta' kuntatt fid-diskussjonijiet mal-bord Ewropew u l-Kummissjoni.

IV. L-EBDA DISPOŻIZZJONI TRANŻITORJA

Ir-rapporteur tqis iċ-ċertifikat il-ġdid mhux biss bħala trasformazzjoni tal-qadim, imma bħala opportunità għall-ħolqien ta' azzjoni bbażata fuq l-esperjenza miġbura matul l-eżistenza tiegħu bħala inizjattiva intergovernattiva. Il-kriterji l-ġodda ddefiniti sew, in-netwerking, il-bord u l-monitoraġġ tal-azzjoni l-ġdida jimplikaw kunċett differenti, li ma għandux jitqies bħala identiku għal dak ta' qablu. Sabiex jiġi ppreservat il-prestiġju taċ-ċertifikat il-qadim u jiġi promoss il-prestiġju tal-ġdid, m'hemm x il-ħtieġa ta' dispożizzjonijiet tranżitorji.

Barra minn hekk, numru aktar raġonevoli ta' siti biċ-ċertifikat għandu jgħin biex iżomm il-proċeduri tal-għażla u l-monitoraġġ maniġġabbli. L-għadd ta' siti kopert kull darba għandu jibqa' raġonevoli u rappreżentattiv. Jekk il-perjodu tranżitorju jseħħ, imbagħad aktar minn mitt sit ikunu jistgħu jipparteċipaw fl-inizjattiva sa tmiem l-ewwel perjodu ta' 4 snin. Għall-finijiet ta' paragun, hemm madwar 330 sit mill-UE-27 fuq il-Lista tal-Patrimonju Dinji tal-UNESCO; madankollu, għaddew aktar minn 30 sena biex intlaħaq dan l-għadd.

V. IS-SEHEM TAL-BORD EWROPEW

Tqajmet kwistjoni dwar jekk ikunx possibbli li r-rwol tal-bord Ewropew jingħatalu aktar importanza fil-proċess tal-għoti jew tal-irtirar taċ-Ċertifikat ta' siti speċifiċi. Indirettament din il-kwistjoni tmiss ma' kwistjoni legali aktar ġenerali dwar jekk il-leġiżlatur tal-UE jistax joħloq, permezz ta' leġiżlazzjoni sekondarja, entitajiet bis-setgħa li jieħdu deċiżjonijiet li ma jkunux previsti mit-Trattati. Jidher ċar mit-Trattat (il-prinċipju tal-attribuzzjoni tal-kompetenzi, Artikolu 5 TUE) u wkoll mill-każistika stabbilita sew tal-Qorti tal-Ġustizzja, li l-leġiżlatur tal-UE jista' jaġixxi biss fil-limiti tal-kompetenzi previsti mit-Trattat kif ukoll mhux 'il barra mill-qafas istituzzjonali previst mit-Trattat.

L-Artikolu 17 TUE jipprovdi li l-Kummissjoni, fost il-funzjonijiet tagħha, "tamministra programmi" kif ukoll "teżerċita funzjonijiet ta' koordinazzjoni, eżekuzzjoni u amministrazzjoni" kif stabbiliti fit-Trattati, filwaqt li l-Artikolu 291 TFUE jipprevedi li fil-każijiet fejn il-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' atti li jorbtu legalment huma meħtieġa, daww il-poteri ta' implimentazzjoni huma mogħtija lill-Kummissjoni. Konsegwentement, il-bord ma jistax ikun involut fil-proċess tal-għoti, jew l-irtirar, taċ-ċertifikati lis-siti.

VI. SEHEM AKTAR B'SAĦTU GĦALL-PARLAMENT EWROPEW

Għall-istess raġuni huwa legalment diffiċli għall-Parlament Ewropew li jingħata aktar setgħa, kemm fin-nomina kif ukoll fl-irtirar taċ-Ċertifikat, barra mill-parteeċipazzjoni tiegħu kif deskritta fil-proposta.

L-involvement tal-PE fil-proċess tal-għażla jitjeb jew billi jintalab jaġhti opinjoni dwar is-siti magħżula minn qabel, jew billi jkun infurmat aħjar dwar din l-inizjattiva f'fażi bikrija. Wieħed mill-vantaġġi tal-ewwel alternattiva huwa li ddewwem il-proċess.

Ir-rapporteur temmen li l-Kummissjoni għandha tippubblika lista sħiħa tas-siti magħżula minn qabel u tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwarha. Dan jagħti żmien biżżejjed lill-Parlament Ewropew biex jirreaġixxi jekk jinqalgħu xi kwistjonijiet.

Konklużjoni

Ir-rapporteur taqşam l-opinjoni espressa fil-Valutazzjoni tal-Impatt li "iċ-Ċertifikat (il-qadim) waħdu ma setax jimla l-vojt bejn iċ-ċittadini u l-UE" iżda "kellu l-intenzjoni aktar modesta li jkun wieħed mill-kontributi flimkien ma' inizjattivi oħrajn bil-għan li tiġi indirizzata l-istess problema". Hi taqbel ukoll mal-kummenti tal-istess test dwar "il-parteciġazzjoni ta' diżappunt fl-elezzjonijiet Ewropej ta' Ġunju 2009", u r-riżultati li ħarġu mill-istħarriġ tal-Eurobarometer "li juru li l-perċezzjoni tal-immaġni tal-UE ma tjiġitx matul l-aħħar ftit snin, iżda għall-kuntrarju l-għadd ta' Ewropej li għandhom stampa pożittiva tal-UE (45%) huwa fl-aktar livell baxx sa mill-ħarifa tal-2005".

L-istituzzjonijiet Ewropej għad fadlilhom ħafna x'jagħmlu dwar kwistjonijiet aktar kruċjali biex dawn il-fatti jinbidlu. L-idea ta' Ċertifikat tal-Patrimonju tal-Unjoni Ewropea li għandu l-għan li jżid is-sens taċ-ċittadini Ewropej li jaqsmu l-patrimonju komuni (permezz tal-għarfien tal-istorja u l-parteciġazzjoni fl-ażżjonijiet ta' appoġġ għad-djalogu interkulturali) u li joffri viżjoni ċara dwar il-bini tal-UE bħala proċess li għadu għaddej huwa pass f'din id-direzzjoni.

Valuri bħalma huma d-demokrazija u l-libertà li jmorru lura għall-passat kulturali Ewropew huma importanti daqs it-trasparenza u s-solidarjetà u huma ta' ħtieġa llum daqskemm għandna bżonn u nixtiequ nimlew il-vojt bejn l-istituzzjonijiet Ewropej u iċ-ċittadini tal-Istati Membri ISTATI tal-UE.

PROĊEDURA

Titolu	Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew	
Referenzi	COM(2010)0076 – C7-0071/2010 – 2010/0044(COD)	
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	9.3.2010	
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CULT 24.3.2010	
Kumitat mitlub jagħti opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	REGI 24.3.2010	
Opinjoni mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	REGI 27.4.2010	
Rapporteur Data tal-ħatra	Chrysoula Paliadeli 23.3.2010	
Eżami fil-kumitat	23.6.2010	2.9.2010
Data tal-adozzjoni	27.10.2010	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 28	–: 0
	0: 0	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdi Cristiano Allam, Maria Badia i Cutchet, Zoltán Bagó, Malika Benarab-Attou, Lothar Bisky, Piotr Borys, Jean-Marie Cavada, Silvia Costa, Santiago Fisas Ayxela, Petra Kammerevert, Morten Løkkegaard, Marek Henryk Migalski, Doris Pack, Chrysoula Paliadeli, Marie-Thérèse Sanchez-Schmid, Marietje Schaake, Marco Scurria, Joanna Senyszyn, Emil Stoyanov, Hannu Takkula, Helga Trüpel, Sabine Verheyen, Milan Zver	
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Ivo Belet, Luigi Berlinguer, Knut Fleckenstein, Nadja Hirsch, Oriol Junqueras Vies, Seán Kelly, Timothy Kirkhope, Iosif Matula, Monika Smolková, Rui Tavares, Róża Gräfin von Thun und Hohenstein	
Data tat-tressiq	9.11.2010	